MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2008

Numru. 491/2008

**Il- Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**vs**

**Clayton Cremona**

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Clayton Cremona, ta' 22 sena, iben Francis Xavier Cremona u Theresa nee' Attard, imwieled Pieta` nhar is-26 ta' Awissu, 1980 u residenti gewwa fond bin-numru 171, Flat 3, Triq San Duminku, Valletta detentur tal- karta ta' l-identita` bin- numru 442185 (M).

Akkuzat talli nhar it-3 ta' Gunju, 2008 ghall-habta ta' xi 08:45hrs gewwa dawn il-gzejjer volontarjament hassar,

ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghad-detriment ta' Francis Xavier Cremona, liema hsara hija ta' aktar minn hames mitt Lira Maltin (LM500) jew €1164.69 (elf mija u erbgha u sittin Euro u disa' u sittin centezmu), u dan bi ksur tal-artikolu 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli, fl-istess dati, hin, lok, u cirkostanzi, f'dawn il-gzejjer saq vettura b'numru ta' registrazzjoni HAU 357, b'manjiera perikoluza u traskurata u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(2) u 18 (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tissospendi lil Clayton Cremona milli jzomm kwalunkwe xorta ta' licenzja tas-sewqan;

U aktar talli, fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer ma kienx kopert b'polza ta' sigurta dwar terzi persuni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi persuna jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' mhux anqas minn 11 il-xahar.

U aktar talli, fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), mill-Magistrat Dr.S.Demicoli datata 24 ta' Jannar, 2007, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li gew impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr.L.Quintano LL.D datata 12 ta' Jannar, 2007.

U aktar talli b'hekk Clayton Cremona sar recidiv u dan ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 28A, 28B, 49, 50, 289, u 325(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li f’ewwel udjenza mizmuma minn din l-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tghatu zmien jikkunsidra l-pozizzjon tieghu.

Rat d-dokumenti esebieti.

Semghat t-it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti ikkunsidrat diversi fatturi. Min-naha l-Qorti ikkunsidrat n-natura tar-reati u l-hsara kwazata kif ukoll l-fedina penali ta’ l-imputat li m’hiex netta.

Illi min-naha l-ohra l-Qorti kkunsidrat l-koperazzjoni ta’l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn l-proceduri, l-isfond familjai li fih sehh l-incident de quo kif ukoll l-fatt li l-imputat ghandu problema bl-abbuz tad-droga u li huwa wera x-xewqa li jibda programm biex jeghleb din l-problema.

Ghal dawn l-motivi, u wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 49, 50, 289, u 325(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal prigunerija ghal perjodu ta’ tlettax il-xahar ghall-ewwel, it-tieni u s-sitt imputazzjoni, tikkundannah ukoll ghal prigunerija ghal perjodu ta’ xahar ghat-tielet imputazzjoni. Il-Qorti qeghda ukoll tiskwalifika lill-imputat milli jkollu kwalunkwe tip ta’ licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ sena.

Il-Qorti b’referenza ghar-raba imputazzjoni qeghda b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta testendi l-perjodu operattiv indikat fis-sentenza mghotija fil-konfront ta’l-imputat f’l-24 ta’ Jannar 2007 ghal perjodu iehor ta’ tlett snin mill-llum.

In oltre u b’referenza ghal-hames imputazzjoni qeghda testendi l-perjodu ta’ probation indikat fis-sentenza mghotija fil-konfront ta’l-imputat fis-17 ta’ Jannar 2007 ghal perjodu iehor ta’ sentejn mill-llum.

In konkluzzjoni l-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jirriabilita ruhu mill-vizzju tad-droga u li jekk ikun il-kaz jigi ammess f’ programm indikat ghal dan il-ghan.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------